**QORTI CIVILI PRIM AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 31 ta` Jannar 2019**

**Rikors Nru. 795/2018 JZM**

**Wara l-Mandat ta` Arrest ta` Bcejjec tal-Bahar 'il fuq minn ghaxar metri (Kawtelatorju) numru 1184/2018**

***u***

**fl-atti tal-kawza numru 729/2017 fl-ismijiet :**

**Christopher Mifsud (detentur tal-karta tal-Identita` numru 278082M)**

***vs***

**Giana G Limited (C30831)**

**Il-Qorti :**

# I. <u>Preliminari</u>

Fil-<u>31 ta' Lulju 2018</u>, Giana G. Limited ("**<u>l-esekutata</u>**") ipprezentat rikors, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet lil din il-Qorti sabiex :

1. *Tirrevoka il-mandat t'arrest kawtelatorju numru 1184/2018 u dan ai termini tal-Artikolu 863 subinciz (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 836 subinciz (8) u (9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-intimat Christopher Mifsud.*

3. *Alternattivament, jekk l-ewwel zewg talbiet ma jintlaqghux, tordna lill-intimat Christopher Mifsud jaghti garanzija idonea fil-ligi sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez u d-danni li qed issofri s-socjeta` rikorrenti.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta Christopher Mifsud ("**<u>l-esekutant</u>**") fl-<u>20 ta' Novembru 2018</u> fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-ezekutata bl-ispejjez kontra taghha.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2018 l-esekutata talbet korrezzjoni fl-ewwel talba fis-sens illi d-disposizzjoni tal-ligi hemm citata tkun taqra "**<u>l-Artikolu 836(1) tal-Kap 12</u>**". Il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni.

Rat illi fl-istess udjenza, l-ezekutata specifikat li t-talba ghar-revoka tal-Mandat kienet qeghda ssir abbazi tal-**<u>Art 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12</u>**.

Rat illi fl-istess udjenza, in vista ta` dak precizat mill-esekutata, l-esekutanti talbet li tipprezenta risposta ulterjuri, talba li l-Qorti laqghet.

Rat ir-risposta ulterjuri li kienet prezentata fil-<u>31 ta’ Dicembru 2018</u> fejn l-esekutant rega` talab li t-talbiet li tressqu mill-esekutata jigu respinti.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta ulterjuri.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tat-8 ta` Jannar 2019.

Rat illi r-rikors thalla sabiex jigi dekretat kameralment.

Rat l-atti l-ohra.

## II. <u>Il-Mandat</u>

L-ezekutant talab u kiseb il-hrug ta’ l-Mandat ta` Arrest ta` Bcejjec tal-Bahar ‘il fuq minn ghaxar metri (Kawtelatorju) nru. 1184/2018 kontra l-ezekutata fuq il-bastiment MY Giana G in kwatela ta`kreditu pretiz fl-ammont ta’ €187,700.

In sostenn tal-pretensjoni tieghu, l-ezekutant qal hekk :-

*Illi l-esponenti intavola kawza quddiem l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili bin-numru 729/2017 JZM fl-ismijiet Christopher Mifsud vs Giana G. Limited (C-30831) f’liema kawza huwa qieghed jitlob hlas ghal diversi xogholijiet li jmorru lil hinn mid-dmirijiet tieghu skont il-kuntratt ta’ impjieg li huwa kien iffirma mas-socjeta` intimata, liema xogholijiet saru fuq il-bastiment MY Giana G. fuq inkarigu tas-socjeta` intimata. (…)*

*Illi s’issa mill-provi prodotti jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hi ta’ mija u sebgha u tmenin elf u sebgha mitt ewro (€187,700), li hi parti minn somma akbar pretiza minnu bhala hlas u dana salv ghall-ammonti ohra dovuti li ghadhom iridu jigu likwidati fil-kawza li ghadha qieghda*

*tinstemgha quddiem din l-Onorabbli Qorti … tenut kont ix-xoghol vast li ghamel l-esponenti fuq l-imsemmi bastiment. Illi dan il-bastiment huwa l-uniku ass li jista` jikkawtela l-pretensjoni tal-esponenti.*

**III. <u>L-Art 836 tal-Kap 12</u>**

L-ezekutata tikkontendi li l-kontroparti ma ressaq ebda prova li ssostni tassew il-fondatezza ta` l-pretensjoni tieghu.

Fi procedura ta` din ix-xorta, il-qrati taghna b`mod konsistenti hadu l-linja illi l-qorti li tkun adita mill-procediment ghandha toqghod lura milli tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex dik hija materja li ghad trid tkun deciza minnha stess fil-waqt opportun wara li jkunu nstemghu l-provi kollha fil-kawza dwar il-mertu.

Ghalhekk fi procedura ta` din ix-xorta, qorti m`ghandhiex tidhol f`konsiderazzjonijiet dwar il-mertu, izda ghandha tillimita ruhha ghal ezami sommarju jew *prima facie* tal-argumenti li ggib il-parti li tkun qeghda titlob ir-revoka *in toto jew in parte* tal-Mandat. Ghandha taghmel dan propju ghaliex il-procediment odjern huwa ghal kollox distint mill-kawza dwar il-mertu, kif ukoll ghaliex il-gudikant li jkun ser jipprovdi dwar it-talba ghar-revoka tal-Mandat se jkun l-istess gudikant li finalment ikun irid jiddeciedi l-kawza fil-mertu.

Fil-procediment "**<u>Conrad Borg vs de La Rue</u>** (15 ta` Lulju 2015) inghad illi :-

> *"Il-Qrati ennuncjaw principji mportanti fir-rigward ta` kawzi dwar revoka ta` Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. (Vide ukoll l-kawza fl-ismijiet "**<u>Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et</u>**" tas-26 t`April 2002 per Onor Imhallef Dr. G. Camilleri).*

L-istess inghad fil-procediment "**Camilleri vs Gove et**" li kien deciz fl-10 ta` Mejju 2001 :

> *"mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta` prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."* (ara wkoll is-sentenza fil-kawza "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**" deciza fil- 5 ta` Gunju 2003).

(ara wkoll : "**Tanya Chetcuti pro et noe vs Hugo Chetcuti**" : 27 ta` Gunju 2002)

**Din il-Qorti tishaq li l-konkluzjoni illi sejra tasal ghaliha fil-procediment tal-lum bl-ebda mod m`ghandha tiftiehem bhallikieku tikkostitwixxi gudizzju ta` xi xorta dwar il-mertu tal-kawza, ghaliex l-istharrig mehtieg fi proceduri ta` din ix-xorta huwa marbut ma` ezami x`aktarx formali ta` l-att li tieghu qeghda tintalab ir-revoka.**

Dak li qorti tkun trid taghmel huwa li taccerta ruhha li r-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat ikunu jidhru mill-att innifsu, u kif ukoll tassikura ruhha li l-att ma jkunx hareg abbusivament. (ara – Qorti tal-Kummerc - 23 ta` Gunju 1994 : "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia noe et**").

Fl-istharrig li qorti trid taghmel sabiex taccerta ruhha jekk jirrizultax mad-daqqa t`ghajn li l-ezekutant ghandu basi ta` pretensjoni, il-qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji ewlenin :

a) illi d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b`leggerezza ;

b) illi huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn qorti.

(ara : "**Vincent Mercieca vs George Galea**" – PA - 29 ta` Novembru 2001 u "**Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited**" – PA - 5 ta` Gunju 2007)

**Premessi dan kollu, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis it-talba tal-ezekutata.**

**IV. L-Art 836(1)(d)**

L-ezekutata qeghda titlob ir-revoka tal-Mandat abbazi tal-Art 836(1)(d) tal-Kap 12.

Skont din id-disposizzjoni, ikun hemm revoka *in toto* jew *in parte* tal-Mandat jekk jirrizulta li l-ammont mitlub ma kienx "*prima facie gustifikat jew ikun eccessiv*."

Fil-provvediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Lulju 2005 fil-kaz ta` "**Galea vs Stewart**" inghad hekk dwar id-disposizzjoni :-

> *"Biex ammont imsemmi f`att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t`ghajn bhala wiehed maghmul b`mod azzardat"*

(ara wkoll il-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta` Settembru 2008 fil-procediment ta` bejn "**Casino-For-Me Limited u Chartwell Games (Malta) Limited**" ; il-provvediment li nghata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta` Frar 2016 fir-Rik Nru 1139/2015 fl-atti tal-Mandat Nru 1454/15 fl-ismijiet : **Steven Pace et vs. Paul Camilleri et** ; u l-provvediment li nghata minn din il-Qorti kif presjeduta

fit-13 ta` Awissu 2013 b`riferenza ghall-Mandat ta` Sekwestru Nru. 1378/2012 fl-ismijiet : "**<u>Carmel Debono et vs Paul u Demanuele et</u>**")

L-ezekutata qeghda tikkontesta l-ammont pretiz u likwidat fil-Mandat kemm ghax tghid illi huwa eccessiv kif ukoll ghax issostni li mhuwiex gustifikat.

L-ezekutata taghmel l-argument illi filwaqt illi l-Mandat jirreferi ghall-provi li tressqu fil-kawza dwar il-mertu (i.e. Rik. Gur. bin-numru 729/2017 JZM) li ghadha pendenti, la fl-atti tal-Mandat u lanqas fl-atti tal-kawza, ma tressqet ebda prova in sostenn ghall-pretensjoni tal-ezekutant. Skont l-ezekutata, l-unika prova hija x-xiehda bl-affidavit tal-ezekutant prezentat fil-kawza dwar il-mertu.

Premess l-argument tal-ezekutata, il-Qorti tosserva illi, flimkien mar-risposta ulterjuri tieghu ghar-rikors odjern, l-ezekutant ipprezenta kopja tal-affidavit tieghu, kif ukoll numru ta' dokumenti, in sostenn tal-ammonti minnu elenkati a fol. 35 tal-process tal-kawza dwar il-mertu. Fil-lista ta' ammonti pretizi mill-ezekutant, hemm elenku ta' tnejn u ghoxrin (22) partita li jkopru xiri ta' materjal u oggetti, u prestazzjonijiet diversi.

Minn esami *prima facie* tar-risposta tal-ezekutant u tad-dokumenti esebiti, il-Qorti tqis illi ghalkemm l-ammont pretiz huwa konsiderevoli, ma jistax jitqies bhala eccessiv jew mhux gustifikat sal-livell ta` *prima facie* ghall-fini ta` dan il-procediment, tenut kont tat-talbiet kif dedotti fil-mertu, fejn qieghed jinghad mill-ezekutant li, taht promessa ta' rimbors, ghamel diversi esborsi personalment, kif ukoll wettaq diversi xogholijiet li kienu jmorru oltre l-pattijiet u l-konsizzjonijiet ta' mpjieg li kellu mal-ezekutata.

Il-Qorti hija sodisfatta illi, sal-grad tal-*prima facie*, kif rikjest fil-procediment tal-lum, l-ezekutant iggustifika l-ammont (inkluz il-konteggi) ikkawtelat bil-Mandat. Issa jekk fil-kawza fil-mertu, l-ezekutant jirnexxielux jaghmel il-prova tal-pretensjoni tieghu sal-grad tal-bilanc ta`

l-probabilitajiet, rikjest mil-ligi, hija kwistjoni ohra li ghad trid tigi deciza minn din il-Qorti stess, wara li jkunu tressqu l-provi kollha tal-partijiet.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ezekutant irnexxielu jipprova sal-grad ta` *prima facie* illi ghandu pretensjoni kawtelabbli billi jirrizulta ness bejn il-kawzali u l-kreditu msemmi fil-Mandat. Kien jinkombi fuq l-ezekutata illi ggib provi sufficjenti sal-grad ta` *prima facie* sabiex ixxejjen il-pretensjoni tal-ezekutant u tiggustifika l-pretensjoni taghha a tenur tal-paragrafu (d). Din il-prova izda ma tirrizultax.

**Ghalhekk it-talba tal-ezekutata abbazi tal-paragrafu (d) tal-Art 836(1) qeghda tkun <u>respinta</u>.**

**V. <u>L-Art 836(1)(f)</u>**

L-ezekutata qeghda titlob **<u>ukoll</u>** ir-revoka tal-Mandat abbazi tal-Art 836(1)(f) tal-Kap 12.

Skont din id-disposizzjoni, ikun hemm lok ghar-revoka in toto jew *in parte* tal-mandat, *"jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Tifsira korretta u preciza ta` din id-disposizzjoni nghatat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **'<u>Spiteri v Darmanin</u>'** fil-provvediment li nghata fil-25 ta` Awwissu 2010 :

> *"Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh ( Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "**<u>Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et"</u>** .*

*Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z- zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz;"*

Fil-provvediment li nghata fl-4 ta` Frar 2016 fir-**Rikors Nru. 1139/2015** fl-atti tal-Mandat Nru 1454/15 : inghad illi :

*biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo.*

Fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta` Awissu 2012 fir-**Rikors Nru 688/2012** saru dawn ir-rilievi :-

*Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, ilkwestjoni ta` jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din ittifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta` Jannar 1992. "__**Spiteri vs Camilleri**__" ; PA. RCP. 30 ta` Mejju 2002. "__**Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona**__" ; u PA. GC. 3 ta` Awissu 2001. "__**Fenech noe vs Spiteri noe et**__").*

Dak mehtieg li jigi ppruvat ghall-fini tad-disposizzjoni in kwistjoni huwa **bdil fic-cirkostanzi** li allura jirrendu l-mandat mhux aktar ragonevoli jew gustifikabbli.

(ara wkoll : provvedimenti : 17 ta` Marzu 2014 : **James Alexander Cook et vs Erdin Hartoka et** ; 22 ta` Ottubru 2015 : **George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et** ; 2 ta` Dicembru 2014 : **Blue Rapid Incorporation v Elf Aquitaine)**

Il-**bdil fic-cirkostanzi** jrid jintwera illi sehh **wara** d-data tal-hrug tal-mandat.

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tqis illi mill-provi akkwiziti ma tirrizulta **l-ebda bidla fic-cirkostanzi** li fuqhom hareg il-Mandat li tista` twassalha biex jinghad illi l-Mandat mhuwiex aktar ragonevoli jew gustifikat li jibqa` fis-sehh.

**Ghalhekk it-talba tal-ezekutata skont il-paragrafu (f) qeghda tkun respinta wkoll.**

## VI. L-Art 836(8) tal-Kap 12

Din id-disposizzjoni taghti lill-qorti **d-diskrezzjoni** li timponi penali kontra l-ezekutant illi jkun talab u ottjena l-hrug ta` mandat kawtelatorju favur tal-ezekutat li kontrih jkun gie prezentat l-att, jekk jirrizultaw ippruvati erba` cirkostanzi skont kif indikat fil-paragrafi (a) sa (d) tal-istess disposizzjoni. Huwa bizzejjed jekk tigi ppruvata mqar cirkostanza wahda.

Fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta` Awissu 2012 dwar ir-**Rikors Nru 688/2012** (op. cit.) inghad hekk :-

> *Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mil-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi izda bizzejjed li tirrizulta wahda minnhom biex il-Qorti tista' taccetta li tqis it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz ;"*

Din il-Qorti tippremetti li l-fatt wahdu li ma tkunx inghatat raguni tajba mill-ezekutata ghat-thassir tal-mandat (kif gara fil-kaz in dizamina) ma jfissirx li, jekk kemm–il darba tirrizulta xi wahda mill-erba` cirkostanzi ndikati fl-Art 836(8), allura l-qorti m`ghandhiex tilqa` t-talba ghall-hlas ta` penali. Dan qed jinghad ghaliex l-isfond ghal din id-disposizzjoni huwa ta` l-harsien tal-ordni pubbliku fis-sens illi tigi accertata s-serjeta` tal-process gudizzjarju bit-tnehhija ta` kull abbuz fl-uzu tal-istitut tal-mandati kawtelatorji. Il-qorti ghandha ghalhekk tapplika d-diskrezzjoni taghha wara li tkun ezaminat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Fil-kaz tal-lum l-ezekutata tillimita ruhha ghall-affermazzjoni li jezistu l-estremi ravvizati taht l-Art 836(8) sabiex tigi mposta l-penali.

U tieqaf hemm.

**<u>Dwar il-paragrafu (a)</u>**

din il-Qorti tghid li ma rrizultawx l-estremi tad-disposizzjoni, billi jirrizulta li l-kawza fil-mertu kienet intavolata **<u>qabel</u>** intalab il-hrug tal-Mandat.

**Ghalhekk il-pretensjoni skont il-paragrafu (a) hija respinta.**

**<u>Dwar il-paragrafu (b)</u>**,

tajjeb jinghad illi dak li trid il-ligi huwa li qabel ma jinhareg mandat, prevja cirkostanzi evidenti ta` urgenza, l-ezekutant ghandu jitlob lid-debitur tieghu fi zmien hmistax-il jum, biex ihallas d-dejn. Id-dispozizzjoni tesigi wkoll illi wara l-hrug tal-mandat, l-ezekutat jitlob lill-ezekutant biex inehhi l-mandat u dan tal-ahhar jonqos milli jaghti raguni tajba sabiex izomm dak il-Mandat fis-sehh (ara l-provvediment ta` din il-Qorti diversament ippresjeduta tat-23 ta` Dicembru 2011 fil-kaz **<u>Fahrenheit Freight Forwarders Co Limited / Market Handle Limited et</u>**). L-intimazzjoni ghall-hlas tista` ssir kemm b'mod formali u kif ukoll bil-fomm.

Ir-rikors bit-talba ghall-hrug tal-Mandat kien prezentat fl-20 ta' Lulju 2018. L-ezekuzzjoni tal-Mandat saret fl-20 ta' Lulju 2018. Il-kawza dwar il-mertu kienet prezentata fl-10 ta' Lulju 2017.

**Ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni ta` din id-disposizzjoni.**

**<u>Dwar il-paragrafu (c),</u>**

tajjeb jinghad illi l-ezekutata naqset milli tressaq prova gharrigward tal-fatt illi c-cirkostanzi taghha qua debitrici jew potenzjali debitrici kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidità u l-kapacita` finanzjarja taghha u li din il-qaghda maghrufa sew.

**Ghalhekk anke hawn ma hemmx lok ghgall-intervent tal-qorti.**

**<u>Dwar il-paragrafu (d)</u>**

Din il-Qorti tghid illi l-ezekutata naqset milli taghmel il-prova ghas-sodisfazzjon taghha li l-Mandat inhareg mill-ezekutant b`hazen, b` malizzja, bi frivolozita` jew b`mod vessatorju.

Tghid dan ghaliex jirrizulta li l-bastiment arrestat huwa l-uniku *asset* illi ghandha l-ezekutata. Kemm il-darba l-ezekutant jirnexxi fit-talbiet tieghu fil-mertu, u allura jigi kanonizzat kreditur, huwa propju dan il-bastiment illi jrid jaghmel tajjeb. Ghalhekk *partendo* mill-presuppost illi l-ezekutant mexa *in bona fide*, il-Qorti tqis illi ma hemmx lok ghall-impozizzjoni tal-penali. Anki jekk iz-zamma fis-sehh sejra tirreka zvantagg jew inkonvenjent lill-ezekutata, dan il-fattur wahdu mhuwiex bizzejjed biex igib fix-xejn il-jedd tal-kreditur illi jikkawtela d-drittijiet tieghu fil-limiti impost mil-ligi.

**Ghalhekk talba abbazi ta` din id-disposizzjoni qeghda tkun respinta.**

**VII. <u>L-Art 836(9) tal-Kap 12</u>**

L-ezekutata talbet wkoll il-hlas tad-danni.

Fid-dawl ta` dak kollu li diga` nghad, ma hemm ebda konsiderazzjoni fattwali u legali li taghti konfort lill-ezekutata.

**Ghalhekk it-talba hija michuda.**

## VIII. <u>Garanzija</u>

L-ezekutata ghamlet it-talba ghall-imposizzjoni ta` garanzija bil-mod li gej :-

*Alternattivament, jekk l-ewwel zewg talbiet ma jintlaqghux, tordna lill-intimat Christopher Mifsud jaghti garanzija idonea fil-ligi sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez u d-danni li qed issofri s-socjeta` rikorrenti.*

**L-ezekutata ma ndikatx d-disposizzjoni li abbazi taghha qeghda titlob il-garanzija. Din il-Qorti tghid illi anke hawn l-ezekutata naqset ghaliex mhuwiex kompitu tal-qorti li timla l-vojt li jkunu hallew il-partijiet.**

Tghid hekk ghaliex it-talba ghal garanzija f`materja ta` mandati kawtelatorji hija regolata b`zewg disposizzjonijiet :-

Dik **<u>generali</u>** u cioe` :-

l-**<u>Art 838A tal-Kap 12</u>** li jghid illi *l-qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug tal-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.*

u

Dik **<u>partikolari</u>** u cioe` :-

l-**<u>Art 862 tal-Kap 12</u>** li jghid illi *l-qorti tista', meta tingieb raguni tajba, fuq talba b'rikors maghmula mill-persuna li kontra l-vapur jew il-bastiment taghha gie mahrug il-mandat, mill-kaptan tal-vapur jew tal-bastiment, jew minn persuna ohra li jkollha l-inkarigu tieghu, jew mill-agent, tordna lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat li ggib, fiz-zmien li jigi moghti mill-qorti, garanzija tajba f'ammont ta' mhux inqas minn hdax-il elf u sitt mitt euro, ghall-hlas tal-penali, id-danni u l-imghaxijiet u, fin-nuqqas ta' dan, thassar il-mandat.*

Huma t-tnejn disposizzjonijiet simili hafna ghalkemm mhux identici ghaliex il-persuni li ghandhom *locus standi* skont l-Art 862 tal-Kap 12 huma ben identifikati.

Fil-kaz tal-lum, l-ezekutata mhijiex wahda mill-persuni li jissemmew fl-Art 862 tal-Kap 12.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tifhem li l-ezekutata qeghda tistrieh fuq l-Art 838A tal-Kap 12.**

Id-disposizzjoni titlob li tintwera raguni tajba sabiex il-Qorti timponi l-ghoti tal-garanzija fuq l-ezekutant. Il-hrug *di per se* tal-mandat ma jikkostitwix "raguni gusta" jew "raguni tajba" ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Ir-raguni trid tkun serja u impellenti.

Din il-Qorti ma nghatat ebda raguni tajba ghala ghandha timponi l-garanzija skont l-Art 838A tal-Kap 12.

**Ghalhekk anke din it-talba qeghda tkun respinta.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad t-talbiet kollha tal-ezekutata Giana G. Limited.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu fl-ismijiet *Christopher Mifsud vs Giana G. Limited (Rik. Gur. Nru. 729/2017 JZM).***

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**